**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 08/08(25_09_08).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Settembru 2008, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużat kien hemm is-Sur Mario Camilleri – Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-18 ta' Settembru 2008.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Promozzjoni lill-Iskrivana tal-Kunsill.
6. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
7. Sejħa għall-Offerti għal Tagħmir tal-*Playing Field*.
8. Rapport tas-Sindku.
9. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
10. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
11. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Lawrence Farrugia, Assistent Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-proġett tal-bini ta' *Website* ġenerali b' *links* ma' kull Kunsill Lokali.

2.02 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Fabienne Grech, Uffiċjal Inkarigat mill-Uffiċċju tal-Kura ta' l-Anzjani, fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward 'Kors tal-U3E f' Għawdex 2008-2009' li ser jibda fis-17 t' Ottubru 2008, fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani, Għajnsielem.

2.03 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 03653/08 – *To divide apartment into two flats* fi Triq ir-Rabat kantuniera ma' Triq ir-Rancis, Xlendi u Applikazzjoni Nru. 03698/08 – *To construct flatted villa, penthouses and underlying garages* fi Triq il-Kantra, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.04 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Hospitality Division, Malta Tourism Authority artiklu li fih kien hemm imsemmi l-Munxar.

2.05 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur George Gatt Mangion, GM Productions rigward attivitajiet organizzati minnhom fosthom dawk li ser isiru fix-Xlendi għal 'One Day Tour of Gozo'.

2.06 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 03330/08 – *Change of use of disused agricultural land to agricultural land, including also allowance for occasional parking of vehicles and hard standing of boat in part of site* fi Triq l-Għar ta' Karolina, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.07 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 03597/08 - *To sanction variations in existing building from approved drawings and to construct penthouse* fi Triq Sant' Indrija, Xlendi, Applikazzjoni Nru. 03639/08 - *To amend layout of farm approved in PA300/06* fi Triq Bardan, Munxar u Applikazzjoni Nru. 03726/08 - *Amendments to PA765/08, to introduce basement and alter design of the façade* fi Triq il-Kavallieri, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Joe Cassar, Kap Eżekuttiv, Kunsill Malti għall-Isport fejn talab lill-Kunsill sabiex jimla s-*survey* dwar faċilitajiet sportivi ġewwa l-lokalitajiet.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Michael Cohen, President u s-Sur Jimmy Magro, Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qed jiġi ċċirkolat il-Ftehim mal-MEPA dwar il-*Green Wardens*.

2.10 Il-Kunsill irċieva Memo 23/2008 mingħand is-Sur Natalino Attard, Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Ħatriet ġodda ta' Segretarji Eżekuttivi mal-Kunsilli Lokali'.

2.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Onor. Louis Galea, Speaker, Kamra tad-Deputati rigward il-laqgħat ta' konsultazzjoni pubblika organizzati mill-Kumitat Magħżul biex jistħarreġ u jirrakkomanda dwar diversi suġġetti ta' interess nazzjonali.

2.12 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Emanuel Sciberras, Supervisor, Transport Section, Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni rigward it-trasport tat-tfal għall-iskejjel b' anness il-lista bil-ħinijiet.

2.13 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Patri Franco Grech OSA, Pirjol, Patrijiet Agostinjani ta' Ħal Tarxien rigward il-Premju San Nikola minn Tolentino – Konkors Nazzjonali għall-persuni li qegħdin juru solidarjeta' ma' min huwa fil-bżonn.

2.14 Il-Kunsill irċieva mingħand Ms Daniela Spiteri, Ko-Ordinattriċi, Fondazzjoni OASI, informazzjoni rigward l-avveniment – Iż-Żagħżugħ/a tas-Sena 2008.

2.15 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Godwin Warr, Direttur Ġenerali għall-Kummerċ, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment fejn bagħat informazzjoni rigward il-Premju European Enterprise Awards.

2.16 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Sur David Soler, Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement kopja tal-Minuti tal-laqgħa li saret fl-1 t' Awissu 2008, u l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.17 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Ms Sharon Attard, Manager (Research and Policy), Kummissarju għat-Tfal rigward il-*public discussion* dwar l-Ambjent li ser issir fl-24 ta' Settembru 2008, fl-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-tfal.

2.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Jimmy Magro, Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-Laqgħa għall-Kunsillieri ta' Malta u Għawdex li ser issir fit-18 t' Ottubru 2008, f' Dar tal-Mediterran għall-Konferenzi, Valletta.

2.19 Il-Kunsill irċieva mingħand Chev. Frank Gatt, Gozo College Pricipal, Memorandum mingħand Ms Teresa Attard, Chairperson Attention Deficit Hyperactivity Disorder (ADHD) Support Group – Gozo.

2.20 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Marcelle Shaw, Malta Red Cross Society fejn ġie mwassal lill-Kunsill *issue* mill-gazzetta tagħhom bit-tema Basic First Aid Courses.

2.21 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Perit Raphael Axiak, MEPA rigward il-Vacant Sites Initiative u ta informazzjoni dwar fil-każ ta' Għawdex.

2.22 Il-Kunsill irċieva Memo 20/2008 mingħand is-Sur Natalino Attard, Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward il-'Bumunqar l-Aħmar tal-Palm'.

2.23 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ms Rodianne Gauci, Dipartiment għall-Gvern Lokali b' Memo 25/2008 maħruġa mis-Sur Natalino Attard, Direttur, rigward 'Policy Ġdida dwar Siti Miftuħa' u mehmuż kien hemm il-preżentazzjoni dwar it-tibdil fl-inizjattiva: Tħallix siti miftuħa li joħolqu inkonvenjent.

2.24 Il-Kunsill irċieva Memo 26/2008 mingħand is-Sur Natalino Attard, Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Policy dwar Pubblikazzjoni ta' *Tenders* fil-Gazzetti'.

2.25 Il-Kunsill irċieva l-mandat tal-kawża ta' Joseph Camilleri kontra Kunsill Lokali Munxar.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand persuna li toqgħod fi Triq San Xmun, Xlendi sabiex toqob li hemm biex l-ilma tax-xita joħroġ jiġu mkabbra u b' hekk l-ilma joħroġ faċilment. Il-Kunsill kien ser jieħu ħsieb jagħmel hekk.

3.02 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand resident fi Triq Munxar rigward il-bankina li saret quddiem ir-residenza tiegħu. Huwa qed jilmenta li l-wiċċ tal-bankina ġie jaqleb lejn il-bieb u b' hekk l-ilma tax-xita qed jidħol ġewwa. Il-Kunsill kien ser ikellem lill-Perit u l-Kuntrattur dwar dan.

3.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident fix-Xlendi rigward lampa maħruqa. Din il-lampa ġiet irrapportata meta l-Kunsill irċieva l-*e-mail*.

3.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident fi Triq Marziena fejn qed jinforma lill-Kunsill li bil-maltempata li saret instaddet il-katusa u peress li ma setax jaqla' l-għatu, kellu bilfors ikissru. Huwa qed jitlob sabiex il-Kunsill jibgħat lil xi ħadd biex jibdel l-għatu tal-*inspection box* li hemm fuq il-bankina. Il-Kunsill kien ser jibgħat lill-Kuntrattur.

3.05 Il-Kunsill irċieva ittra ffirmata minn diversi sidien ta' proprjeta' fi Triq it-Torri, Xlendi. Huma qed jinfurmaw lill-Kunsill li ħajt tat-triq quddiem il-proprjeta' tagħhom beda jċedi u ser jaqa'. Fuq din il-materja diġa' kien hemm korrispondenza mar-Rappreżentant Legali tal-Ministeru għal Għawdex.

3.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand sid ta' proprjeta' fi Triq it-Torri, Xlendi. Hija qed tilmenta li fil-parti li ma hemmx bankina huwa perikoluż u qed tissuġġerixxi li jsir *barrier*. Is-Sindku informa lill-Kunsill li fuq din il-materja kien kellem lid-Direttur, Proġetti u Żvilupp u lill-MEPA.

3.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand it-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern dwar talba mingħand il-ħanut Antoinette's fi Triq ir-Rabat, Xlendi sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet fuq il-bankina. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni sakemm il-ġirien ma jilmentawx.

3.08 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand sid ta' *garage* fi Triq il-Qroll, Xlendi. Huwa qed jilmenta li minħabba li qed isir ipparkjar ta' karozzi viċin il-bieb tal-*garage* tiegħu qed jitlob sabiex isiru żewġt sinjali sofor kull naħa. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dawn is-sinjali diġa' saru.

3.09 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Kevin Sciberras, Uffiċjal Inkarigat, Taqsima Kultura fejn ikkonferma dwar l-għajnuna tat-Taqsima tiegħu sabiex isir il-Kunċert mill-Gozo Youth Wind Band fil-Bajja tax-Xlendi, fit-3 ta' Settembru 2008.

3.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Bonello, Principal Agriculture Officer fejn qed jitlob is-somma ta' €50 sabiex jinżabru l-Oleandru ta' Triq il-Qsajjem, Xlendi. Kemm is-Sindku kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv ilmentaw li dan għamel ix-xogħol mingħajr ma kellu konferma u ġie deċiż li dawn is-siġar jitneħħew kompletament.

3.11 Il-Kunsill irċieva Memo 24/2008 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill ġie mitlub jagħti informazzjoni dwar vetturi u oġġetti tal-ħadid mitluqa fil-lokalita'. Il-Kunsill kien ser jindika żewġt vetturi mitluqin fi Triq Marziena, Munxar.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 08/08(25_09_08).

**5.00 Promozzjoni lill-Iskrivana tal-Kunsill.**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-Sinjorina Kimberly Spiteri ilha taħdem mal-Kunsill bħala Skrivana mill-15 ta' Marzu 2000 bħala *Part-Time* u mill-1 ta' Novembru 2001 bħala Skrivana *Full-Time*. Skont ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) din tista' tiġi promossa għal Uffiċjal Eżekuttiv fi skala 13 u għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv qed jirrakkomanda li l-Kunsill jaċċetta li s-Sinjorina Kimberly Spiteri tiġi promossa għal Uffiċjal Eżekuttiv b' effett mill-1 t' Ottubru 2008. Kien hemm qbil unanimi.

Is-Sur Saviour Spiteri ppreżenta lill-Kunsill kwotazzjoni ta' €761 sabiex isiru lqugħ tal-PVC fuq il-*pitch* tal-boċċi li hemm fiċ-Ċentru Parrokkjali. Saret diskussjoni dwar jekk dan ix-xogħol jistax isir u ġie deċiż li s-Sindku kien ser jiċċekkja jekk dan ix-xogħol jistax isir f' post tal-Knisja.

Il-ħin kien it-8.15 ta' filgħaxija u ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata għat-Tnejn, 29 ta' Settembru 2008, fil-5.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa tkompliet nhar it-Tnejn, 29 ta' Settembru 2008, fil-5.30 ta' filgħaxija.

Preżenti; Is-Sur Joseph Sultana - Sindku, s-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku, s-Sur Mario Camilleri - Kunsillier, is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier, is-Sur Patrick Grima - Kunsillier u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

**6.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

6.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienu għadhom kemm tlestew żewġt bankini, waħda fi Triq it-12 ta' Diċembru 1957 u l-oħra fi sqaq fi Triq San Pawl, Munxar.

**7.00 Sejħa għall-Offerti għal Tagħmir tal-*Playing Field*.**

7.01 Ix-xogħol fuq il-*Playing Field* qed jitkompla. Qed tiġi ddisinjata ħnejja għall-entratura skont pjanta li saret mill-Perit Saliba. Kien hemm suġġeriment li l-ħnejja tkun ogħla. Issa jmiss li jintagħżel il-madum għall-art, jiġi deċiż fejn ser isiru d-dwal u l-pajpijiet tad-*drip*. Ġie deċiż li l-membri tal-Kunsill imorru Malta u jaraw *Playing Fields* u jġibu kampjuni ta' madum għall-art.

**8.00 Rapport tas-Sindku.**

8.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-slielem tal-baħar tax-Xlendi ser jinqalgħu għax-Xitwa u jerġgħu jitpoġġew fis-Sajf.

**9.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li x-xogħol ta' restawr fuq il-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi kien beda wara li s-Sur Joe Gerada mill-MEPA qabel li l-MEPA tiffinanzja dawn ix-xogħlijiet. Ix-xogħol qed isir minn Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. fejn qed isir *refurbishment* tal-kamra fl-entratura, veranda ġdida u rranġar tar-rixtellu.

9.02 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kienu ltaqgħu mad-Direttur tal-Kumpanija Solar Solutions li tispeċjalizza dwar enerġija mġedda. F' din il-laqgħa ġiet diskussa l-possibilita' ta' proġett għall-*Playing Field* tal-Munxar fejn id-dawl jiġi provdut mix-xemx filwaqt li l-ilma tas-*sink* tal-Latrina jiġi pproċessat sabiex jerġa' jintuża fit-*toilets*. Qed jiġi mistħarreġ dwar fondi mill-Unjoni Ewropea dwar dan.

9.03 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kienu attendew għall-iffirmar ta' kuntratt mal-MEPA fejn ser ningħataw is-somma ta' €7,547 mill-Urban Improvement Fund sabiex jintefaq fuq il-*Playing Field*.

**10.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

10.01 Is-Sur Saviour Spiteri ppreżenta ittra li kienet miktuba mill-Kappillan Dun Tonio Galea fejn qed jitlob lill-Kunsill jagħmel tinda ma' dik ġa eżistenti fuq il-*pitch* tal-boċċi. Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien tkellem mad-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u ġie informat li sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħmel xogħlijiet fil-post tal-Knisja, għandu jsir ftehim mal-Kappillan biex it-tmexxija tal-*ground* taċ-Ċentru Parrokkjali tgħaddi f' idejn il-Kunsill. Għaldaqstant is-Sindku kien ser ikellem lill-Kappillan dwar dan.

10.02 Is-Sinjura Carmen Said ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-qasab tal-Wied tax-Xlendi reġa' tmejjel lejn it-triq u hemm bżonn li jinqata'.

10.03 Is-Sur Patrick Grima talab li jsiru sinjali sofor sabiex karozzi ma jipparkjawx mal-bieb ta' l-entratura ta' post fi Triq Munxar. Ġie deċiż li ssir bankina sabiex tkun tista' tintuża mill-pubbliku.

**11.00 Materji oħra.**

11.01 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jixtri b' €116 f' kotba sabiex jingħataw lil-Librerija taċ-Ċentru Parrokkjali. Kien hemm qbil iżda dawn il-kotba jiġu ppreżentati f' Jum il-Munxar.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 21 t' Ottubru 2008, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***